**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Erbgha 19 ta' Frar 2020**

**Rikors Numru : 203/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**LA**

**Vs**

**DV**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' LA detentrici tal-karta tal-identita` numru X, datat 26 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, nhar Y twieldet il-minuri EV (Dok A anness);*

2. *Illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat u effettivament ir-rikorrenti mill-ewwel hadet hsieb tipprocedi bi proceduri appoziti biex tirregola l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-minuri;*

3. *Illi fil-mori tal-medjazzjoni, il-partijiet pruvaw kemm-il darba jittransigu, madanakollu minhabba intransigenza da parti tal-konvenut, qatt ma intlahaq ftehim u dan ghaliex il-konvenut jippretendi illi r-rikorrenti hi proprjeta` tieghu u jippretendi li jista' jiddettalha hajjitha;*

4. *Illi l-konvenut huwa bniedem aggressiv li ma jridx jaccetta li r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn, tant li f'iktar minn okkazjoni wahda refa' idu fuq persunt l-esponenti, heddidha li ser joqtolha jekk ikun jaf li qed tohrog ma' haddiehor u recentement anke tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ammetta li rega' hebb ghall-esponenti; tant li kemm dik il-Qorti u kemm dil-Qorti fl-atti tal-medjazzjoni hargu ordni ta' protezzjoni favur ir-rikorrenti;*

5. *Illi bhala stat ta' fatt u wara digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Marzu 2018 (Dok B) u kkonfermat fit-22 ta' Marzu 2018 (Dok C), ir-rikorrenti giet fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri E, u fil-fatt l-istess minuri qieghda tirrisjedi mal-Omm b'access versu l-Missier;*

6. *Illi jirrizulta wkoll illi minkejja d-digriet ta' manteniment, il-konvenut jaghzel li jonorah meta jfettillu biss; filwaqt li l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni spiss jaghzel li ma jhallashomx;*

7. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 14 ta' Marzu 2018; kif estiz ghal tliet xhur b'digriet tat-8 ta' Mejju 2018;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tikkonferma d-digriet taghha tal-14 ta' Marzu 2018 u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri EV f'idejn ir-rikorrent, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;*

2. *Tiffissa granet u hinijiet ta' access f'liema l-intimat ghandu jara lill-minuri u dan fl-ahjar interess tal-minuri, anke jekk ikun il-kaz, taht is-Supervizjoni tal-Agenzija Appogg;*

3. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;*

4. *Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

5. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri EV, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat huwa kontumaci (vide verbal 15 ta' Jannar 2020);

Rat illi giet akkordat lil intimat il-fakolta li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda baqa inadempjenti (Vide verbal 15 ta' Jannar 2020);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Ivan Cilia** xehed a fol 29 *et seqq* illi l-intimat ma rcieva l-ebda beneficcju socjali mill-2014. Fir-rigward tar-rikorrenti huwa xehed illi bejn it-3 ta' Jannar 2015 u l-14 t'Ottubru 2016 hija kienet tibbenefika mill-*Work Benefit,* bejn it-13 t'Ottubru 2016 u s-16 ta' Jannar 2017 kienet qed tippercepixxi *Sickness Benefit* u llum -il gurnata hija qed tippercepixxi biss ic-*Children's Allowance* bhala beneficcju socjali.

**L-Ispettur Bernadette Valletta** xehdet a fol 31 *et seqq* prezentat il-fedina penali tal-intimat u spjegat illi l-intimat ghandhom diversi kawzi pendenti, oltre kawzi fejn huwa instab hati, ta' diversi reati, fosthom diversi incidenti ta' vjolenza domestika fil-konfront tar-rikorrenti, pussess ta' droga, vjolenza kontra Ufficjali tal-Pulizija.

**Joseph Saliba** xehed a fol 35 *et seqq* illi l-partijiet it-tnejn jahdmu, u kkonferma illi l-intimat huwa mpjegat mal-kumpanija eCabs.

**Ir-rikorrenti** xehdet a fol 37 *et seqq* illi l-partijiet kienu f'relazzjoni *on and off* ghal madwar seba' snin, u li minn din ir-relazzjoni twieldet binthom EV f'Y. Spjegat illi r-relazzjoni tal-partijiet qatt ma kienet stabbli u illi l-intimat dejjem kien possessiv hafna fuqha tant li kien johloq incidenti anke jekk sempliciment xi hadd ihares lejha b'mod li lilu ma joghgbux. Kompliet illi l-partijiet kienu ghamlu tlett snin flimkien wara li kienet harget tqila peress illi hija ma kienetx xtaqet li binthom titrabba f'ambjent fejn il-genituri taghha ma kienux flimkien, izda eventwalment kienet iddecidiet li ttemm ir-relazzjoni mal-intimat ghaliex hasset li kien aghar ghat-tifla jekk hi tibqa' f'dik ir-relazzjoni.

Xehdet illi hija xtaqet li l-partijiet jibqghu hbieb wara li sfaxxat ir-relazzjoni ta' bejniethom izda l-imgieba tal-intimat kienet marret ghall-aghar u s-sitwazzjoni tant eskalat illi kienet kostretta taghmel rapporti mal-pulizija. Spjegat illi l-intimat kien ta' spiss isegwiha u joqghod jistenniha barra l-post tax-xoghol tant illi ma kienetx tkun tista' tohrog mix-xoghol wahedha, u inoltre kien jibghatilha hafna messaggi ta' theddid. Kompliet illi f'Novembru 2017 l-intimat kien refa' jdejh fuqu waqt li kienet fil-karozza taghha, billi kien dahhal idejh mit-tieqa, qabdilha xagharha u beda jsabbtilha rasha mal-hgiega, mbaghad segwiha bil-karozza tant illi hija ippanikjat u dahhlet f'karozza ohra. Xehdet illi hija m'ghandhiex problema li l-intimat jara lil binthom, u li anzi hi tixtieq illi t-tifla jkollha relazzjoni tajba maz-zewg genituri taghha, izda ma jistghax ikun illi l-intimat jibqa' jagixxi b'mod vjolenti maghha. Ziedet illi ta'

spiss din l-imgieba abbuziva mill-intimat fil-konfront taghha tigi pperpetrata quddiem binthom, li tispicca titwerwer. Xehdet ukoll illi dan l-ahhar qed jinghad lil minuri hafna kliem kontra taghha waqt tkun access mal-intimat, u dan kemm mill-intimat u kif ukoll mill-familja tieghu. Qalet illi l-minuri qed tigi informata sal-icken dettal b'dak li gara bejn il-partijiet u ricentement omm l-intimat kienet sahansitra ghamlet rapport mal-pulizija li kienet qed thalli lil minuri ma rgiel u tinsinwa hafna affarijiet gravi. Kompliet illi dan l-ahhar anke omm l-intimat qed isegwiha u tohdilha r-ritratti, u kienet anke aggressiva fizikament, tant illi kellha taghmel rapport anke kontra omm l-intimat nonostante li kienet qed toqghod lura milli taghmel rapporti mal-pulizija fil-konfront taghhom. Xehdet li inoltre l-minuri kienet qaltilha illi missierha kien qalilha sabiex taghti daqqa ta' hadida lil partner il-gdid tar-rikorrenti, u kien qalilha wkoll li hu kien ser jaghtih daqqa ta' karozza.

Spjegat illi minkejja illi hemm digriet tal-Qorti li jirregola l-manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimat, u ghalkemm llum -il gurnata l-intimat qieghed ihallas manteniment, ghadu qed jirrifjuta li jhallsa manteniment ghax-xhur ta' Mejju 2018, Dicembru 2018, Jannar 2019 u Frar 2019. Qalet illi inoltre l-intimat qieghed jirrifjuta illi jaqsam maghha l-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri, hlief ghall-ispejjez tal-bidu tas-sena skolastika, u ghalhekk qed ikollha thallas kollox hi. Ziedet illi llum -il gurnata hija mpjegata *fulltime* bhala kaxxiera mal-X Zone u ghandha paga nett ta' madwar €800 fix-xahar u meta l-intimat ma jhallasx manteniment isibha difficli biex twassal sal-ahhar tax-xahar.

**WM** xehdet a fol 124 *et seqq* illi hija tigi omm ir-rikorrenti, u kkonfermat illi l-partijiet kienu ghamlu numru ta' snin f'relazzjoni flimkien. Spjegat illi hija ma kienetx riedet lil bintha tohrog mal-intimat peress illi meta bdew johorgu flimkien ir-rikorrenti kien ghad kellha hmistax -il sena filwaqt li l-intimat huwa disa' snin akbar minnha, u apparti minn hekk kienet semghat hafna affarijiet fuqu, inkluz li kien juzu d-droga, haga li kienet ghaliha ikkonfermata meta ltaqghat mieghu u ratu bi snienu kollha suwed u mhassrin. Xehdet illi hija kienet saret taf li r-rikorrenti kienet harget tqila ta' dsatax -il sena meta kienet sabet xi dokumenti tal-isptar fil-basket ta' bintha u hemmhekk kellha taccetta r-relazzjoni taghha mal-intimat.

Xehdet illi ghal bidu l-intimat kien jidher ihobb lir-rikorrenti. Huwa kien idoqq f'xi *parties* u ma tantx kien jaqla' flus, u ghalhekk kienet tinsisti illi jsib impjieg *part-time,* filwaqt illi r-rikorrenti dejjem hadmet minn kif waqfet mill-iskola.

Hija spjegat li l-partijiet kienu jiggieldu ta' spiss, sakemm ir-rikorrenti kienet iddecidiet li

ttemm ir-relazzjoni tal-partijiet, u minn hemm bdiet teskala s-sitwazzjoni. Xehdet li l-intimat beda jiffissa u jghir hafna, u beda jhedded lir-rikorrenti u jerfa jdejh fuqha, u kien anke jinjora l-Ordni ta' Protezzjoni li kien inhareg mill-Qorti. Kompliet illi l-intimat kien ghamel zmien imur fuq il-post tax-xoghol tar-rikorrenti u joqghod jistenniha wara l-bieb. Ziedet illi E darba minnhom kienet qasmitilha qalba meta kienet qaltilha li l-intimat kien qalilha li "*lil mummy inqataha bis-sikkina.*" Ziedet ukoll illi hija kienet provat tiftah ghajnejn l-intimat dwar l-imgieba tieghu, izda hu gieli sahansitra jghidilha illi jekk ikun jaf li r-rikorrenti tkun ma' xi hadd u tiehu lit-tifla ikun hazin ghaliha.

Qalet illi llum -il gurnata bint il-partijiet ghandha erba' snin, u li l-kelma li tuza biex tiddeskrivi r-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrenti u l-minuri hija "*kalamita"* ghaliex it-tifla verament ma toqghodx minghajr ommha. Xehdet illi l-minuri ghandha wkoll relazzjoni tajba man-nanna paterna taghha, u ziedet illi l-minuri ta' spiss tghidilhom illi ma tkunx rat lil missierha waqt l-access u filfatt meta jkun imissha access hija tkun eccitata li tara lin-nanna paterna.

**Dorianne Fava,** haddiema socjali mid-Dipartiment dwar Vjolenza Domestika, xehdet a fol 136 *et seqq*, illi l-kaz tar-rikorrenti kien infetah mit-18 ta' Dicembru 2018, izda hi kienet tkelmet mar-rikorrenti darba biss peress illi r-rikorrenti ma kienetx zammet kuntatt maghha. Spjegat illi r-rikorrenti kienet informathom illi hija kienet f'relazzjoni mall-intimat ghall-seba' snin, u li minn din ir-relazzjoni huma kellhom tifla t'erba' snin u li r-relazzjoni kienet sfaxxat xi sena ilu. Qalet li r-rikorrenti kienet informathom li kien hemm zewg incidenti fejn l-intimat kien vjolenti fil-konfront taghha, u li inoltre kien hemm xi theddid li joqtolha jekk jaraha ma xi haddiehor, u ghalhekk ir-Risk Assessment kien ta *score* gholi ta' 18.

**Sylvana Calleja,** haddiema socjali mid-Dipartiment dwar Vjolenza Domestika, xehdet a fol 139 *et seqq* illi hija kienet ghamlet Risk Assessment fuq ir-rapport tar-rikorrenti kif deskritt minn Dorianne Fava.

**Nadya Tatungi,** haddiema socjali mid-Dipartiment dwar Vjolenza Domestika, xehdet a fol 141 *et seqq* u kkonfermat ix-xhieda ta' Dorianne Faca u Sylvana Calleja.

**Doris Fenech, Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali,** xehdet a fol 209 *et seqq* illi kontra l-intimat hemm pendenti zewg kawzi quddiem il-Magistrat Dr. Astrid May Grima.

**Glenn Grixti** xehed a fol 209E *et seqq* illi huwa kien beda jsegwi lill-intimat peress illi kien gie inkarigat sabiex jirredigi *pre-sentencing report*, li kien gie prezentat fil-5 t'Ottubru 2018 quddiem il-Magistrat Dr. Astrid May Grima. Spjega illi l-akkuzi kontra l-intimat kien jirrelataw dwar incident fejn huwa kien hebb ghar-rikorrenti f'Paceville. Kompla illi fil-laqghat tieghu mal-intimat huwa kien issugerixxa lill-intimat sabiex isib xoghol *full-time* biex ikollu aktar struttura f'hajtu u jtejjeb il-qaghda finanzjarja tieghu. Qal li kienu ittiehdu zewg kampjuni ta' urina tal-intimat, u wiehed minn dawn kien irrizulta posittiv ghad-droga kokaina u kannabis filwaqt li l-iehor irrizulta pozittiv ghall-kannabis. Zied illi huwa kien tal-fehma li l-intimat kellu bzonn ghajnuna minhabba l-problema tieghu ta' droga kif ukoll kellu jkun segwit minn psikologu minhabba problema ta' ***anger management.***

**Ikkonsidrat;**

Illi l-partijiet kien f'relazzjoni ghal seba' snin, mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri E, f'Y. Ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet sfaxxat, u r-rikorrenti tikkontendi illi hija sfat vittma ta' diversi incidenti ta' vjolenza domestika ipperpetrata mill-intimat kontra taghha, u li inoltre l-intimat m'huwiex persuna affidabbli. Ghaldaqstant hija ghandha tigi affidata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri. Permezz ta' dawn il-proceduri ir-rikorrenti qed titlob inoltre illi jigi iffissat access ghall-intimat ma' binthom, jekk hemm bzonn supervizjonat, u li jigi likwidat ammont ta' manteniment li ghandu jithallas mill-intimat ghal htigijiet ta' binthom.

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri, kif ukoll ma prezentax in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu minkejja li gie moghti zmien skont il-ligi sabiex jaghmel dan. Illi huwa indubitat illi l-intimat kien jaf b'dawn il-proceduri, ikkonsidrat illi huwa kien prezenti ghas-seduta quddiem din il-Qorti tat-19 ta' Novembru 2018, u minkejja li kien gie informat bid-data tad-differiment, huwa ma regghax deher jew wera interess f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

"... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut***

> ***jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
> > ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' Ordni Pubblika.***
>
> ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***""

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

<u>Rigward il-kura u kustodja tal-minuri</u>

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija rregolata mill-

principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa' utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Skont is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018:[1]

> ***"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""***

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ghal circa seba' snin, mill-liema relazzjoni kellhom lil minuri E, li twieldet fis-Y. Din ir-relazzjoni sfaxxat, u mill-provi jirrizulta illi l-intimat huwa abbuziv fil-konfront tar-rikorrenti. Jirrizulta illi kien hemm aktar minn darba fejn l-intimat kien vjolenti fizikament kontra r-rikorrenti u kkawzalha griehi, u dan apparti illi jsegwi l-movimenti taghha, jheddidha u jinsulentaha. Skont ix-xhieda mhux kontradetta tar-rikorrenti, kien hemm okkazzjonijiet fejn l-intimat hedded u insulenta lir-rikorrenti quddiem il-minuri stess. Il-Qorti rat illi kif jidher mid-dokument a fol 240, din l-imgieba tal-intimat kienet ghada tippersisti anke sa dawn l-ahhar xhur.

[1] Rik. Gur. 39/17

Barra minn hekk il-Qorti rat illi kien hemm okkazzjoni fejn l-intimat qal lil minuri illi ser iqatta` lil ommha bicciet u hi imbaghad toqghod tibki ghaliex ma jkollhiex omm, u dan apparti illi idderiga lil minuri sabiex thebb ghal partner il-gdid ta' ommha, u wkoll qalilha li hu kien ser jaghtih daqqa ta' karozza. Din hija imgieba alarmanti u inacettabbli; dan il-kliem m'ghandu jinghad qatt, izda specjalment mhux lil tifla ta' eta daqshekk tenera, u aghar minn hekk minn missierha. Fil-fehma tal-Qorti, dan m'huwa xejn hlief abbuz ipperpetrat mill-intimat fuq bintu.

Inoltre, l-Qorti rat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-intimat ghandu fedina penali pjuttost ikkulurita, u dan oltre li ghad hemm numru ta' kawza pendenti kontra tieghu. L-akkuzi kontra l-intimat huma varji, u jinkludu diversi incidenti ta' vjolenza domestika, theddid, vjolenza kontra ufficjali pubblici u pussess ta' droga. Barra minn hekk jirrizulta mill-*pre-sentencing report* u x-xhieda tal-Probation Officer Glenn Grixti illi l-intimat kien jaghmel uzu minn kokaina u marijuana, u ma tressqet l-ebda prova li twassal lil Qorti biex temmen illi l-intimat qata' dawn il-vizzji.

Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata mill-ahjar interessi tal-minuri.

Fil-fehma tal-Qorti, ikun fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja tal-minuri tigi ezercitata esklussivament mir-rikorrenti, u tkun hi wahedha li tiehu dawk id-decizjonijiet li jkun hemm jittiehdu fil-konfront tal-minuri. Dan specjalment ikkonsidrat il-karattru vjolenti tal-intimat, u n-neccessita illi kemm jista' jkun jitnaqqas il-kuntatt bejn il-partijiet sabiex tigi assigurata l-inkolumita tar-rikorrenti.

Fir-rigward tal-access, il-Qorti tqis illi ghall-istess ragunijiet, m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi l-intimat jezercita access minghajr supervizjoni. Ghalkemm jirrizulta illi l-minuri ghandha relazzjoni pjuttost tajba man-nanna paterna, u li filfatt il-maggor parti tal-access li qed jigi ezercitat prezentement tqattu` man-nanna, il-Qorti tqis illi jkun aktar f'loku illi l-access jigi supervizjonat mill-Appogg. Dan ghaliex, mill-provi mhux kontradetti prodotti mir-rikorrenti jirrizulta illi omm l-intimat qieghda tippartecipa fl-abbuzz kommess mill-intimat

kontra r-rikorrenti, u dan billi ssegwiha bil-karozza, u jirrizulta mix-xhieda mhux kontradetta tar-rikorrenti illi l-minuri qed tigi esposta ghall-informazzjoni dwar l-istat tar-relazzjoni tal-genituri taghha u l-proceduri gudizzjarji pendenti, kif ukoll qed ikun hemm attentat ta' aljenament kontra ommha. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, ikun ahjar illi l-access tal-intimat jigi supervizjonat mill-ufficjali tal-Appogg, u dan sabiex jigu protett l-ahjar interess tal-minuri.

<u>Dwar il-manteniment ghall-ulied il-partijiet</u>

Il-Qorti taghraf illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> "***Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***"

Il-Qorti rat illi ma tressqet l-ebda prova dwar l-introjtu jew il-mezzi tal-intimat. Jirrizulta li l-intimat jahdem part-time mal-e-Cabs, u kif ukoll jaghmel xi xoghol iehor part-time bhala DJ u possibilment bhala sensar. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet:

> "***...il-Qorti dejjem irritjeniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita' tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabilita` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.***"

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti xehdet illi hija mpjegata u ghandha introjtu ta' cirka €800 fix-xahar. Ghalkemm ma giet prodotta l-ebda dokumentazzjoni sabiex tikkonferma dan, lanqas ma jirrizulta mill-provi xi fatt illi jwassal lil Qorti sabiex tiddubita l-veracita ta' dan it-testimonjanza tar-rikorrenti.

Inoltre l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta

fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

> "***Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul.***"

Il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> "***tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, l-oneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom.***"

Il-Qorti taghraf illi minhabba l-imgieba vjolenti u abbuziva tal-intimat, ir-rikorrenti ser tispicca jkollha trabbi lil minuri prattikament wahedha. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tifla waqa' kollu fuq spallejn ir-rikorrenti. Il-Qorti tqis ghalhekk, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, illi mhux talli l-fatt illi r-rikorrenti trid trabbi lil bint il-partijiet wahedha jillimita l-kapacita taghha li tiggenera introjtu akbar minn dak li ghandha fil-prezent, izda wkoll tagharaf illi hija qed taghmel kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat.

Il-Qorti taghraf pero illi r-rikorrenti produciet provi pjuttost skarsi dwar il-bzonnijiet tal-minuri. Filfatt l-unika rendikont prodott minnha jirrigwarda xi spejjez edukattivi tal-minuri, u m'hemm xejn x'jindika x'inhi in-nefqa medja tar-rikorrenti ghall-bzonnijiet tal-minuri. Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi il-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlief illi takkorda manteniment fil-minimu ghal minuri. Dan l-ammont pero irid jizdied tenut kont dak li intqal hawn fuq rigward il-fatt illi r-rikorrenti ser tkun qeghda prattikament trabbi lil minuri wahedha. Inoltre, fir-rigward tal-ispejjez edukattivi, extra-kurrikurali u medici, il-Qorti tqis illi in vista tas-sitwazzjoni tal-partijiet, ikun aktar ghaqli li sehem tal-intimat minn dan l-

ispejjez ikun pre-likwidat, u dan sabiex titnaqqas il-htiega ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet.

In vista ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-manteniment mensili li ghandu jkun pagabbli mill-intimat ghall-bzonnijiet ta' bintu ghandu jkun fl-ammont ta' tlett mitt (€300) liema ammont jinkludi sehem tal-intimat mill-ispejjez edukattivi, extra-kurrikurali u medici.

Fir-rigward tal-provi mressqa mir-rikorrenti dwar arretrati ta' manteniment, il-Qorti taghraf illi ma saret l-ebda talba sabiex l-intimat jigi ordnat ihallas arretrati ta' manteniment lir-rikorrenti, u ghaldaqstant din il-Qorti hija prekluza milli tiddetermina din il-kwistjoni.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tafda l-lura u kustodja tal-minuri EV esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dan illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarj, kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, ghandhom jittiehdu esklussivament mir-rikorrenti, minghajr il-htiega tal-firma tal-intimat jew il-presenza tieghu;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna illi r-rikorrenti ghandu jkollu access mal-minuri EV darbtejn fil-gimgha kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha mit-3.00pm sal-5.00pm ghall-saghtejn kull darba, liema access ghandu jsir taht is-supervizjoni tal-Appogg, u ghal liema access tista' tkun prezenti wkoll in-nanna paterna tal-minuri, MV;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' tlett mitt ewro (€300) kull xahar bhala manteniment ghal minuri EV, liema somma tinkludi s-sehem tal-intimat mill-ispejjez edukattivi, extra-kurrikurali u medici tal-minuri, u liema somma ghandha toghla kull sena skont l-indici tal-hajja, u tibqa' pagabbli sakemm il-minuri taqghlaq it-tmintax -il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha *full time* skont il-ligi;**
4. **Tilqa' r-raba talba u tordna illi l-imsemmi manteniment ghandu jigi mnaqqas direttament minn kwalsiasi salarju jew qliegh tal-intimat mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcju socjali li huwa jista' jkun qieghed jippercepixxi minn zmien ghal zmien, u tordna wkoll illi fil-kaz illi l-intimat ikun qieghed jahdem esklussivament fuq bazi ta' *self-employed* huwa**

**ghandu jaghmel l-arrangamenti kollha necessarji sabiex il-manteniment iffissat mill-Qorti jinqata' direttament mill-kont bankarju tieghu u jithallas f'kont bankarju indikat lilu mir-rikorrenti;**

5. **Tastjeni milli tiehu konjizzoni ulterjuri tal-hames talba, peress illi tinsab assorbita mill-bqija ta' dan id-decide.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**